MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Numru 372/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Lawrence Brincat**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Lawrence Brincat ta' 30 sena bin Henry u Mary nee` Amato mwieled fil-Pieta` fil-24 ta' April, 1968 u li joqghod fil-fond bl-isem 'Nid D'Amour' Triq id-Daqqaqa, B'Bugia, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 198268(M) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi gurnata f'Jannar, 2005 u fil-granet wara din id-data, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Geneali esebit bhala Dok CM 2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat fl-ezami tieghi wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum id-Difiza u l-Prosekuzzjoni qablu li l-akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni tirrizulta minn serq.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva konsistenti f'zewg mobiles li ghandhom valur komplessiv ta' Lm112 gew ritornati.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr Edward Zammit Lewis ghall-imputat iddikjara li l-imputat jaqbel li l-valur komplessiv tar-rifurtiva hu ta' Lm112.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Lawrence Brincat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali ta' l-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li

l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva konsistenti f'zewg mobiles li ghandhom valur komplessiv ta' Lm112 gew ritornati, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Lawrence Brincat l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------